

# Aħbar Tajba

Atti 10, 34a.37-43
Salm 117 (118), 1-2.16ab-17.22-23
Kol 3, 1-4
Ġw 20, 1-9 jew Mt 28, 1-10

**"Tibżgħu xejn; morru wasslu l-aħbar lil ħuti**
biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk."

Fl-aħħar waslet il-festa l-kbira u biex niċċelebrawha kif jistħoqq mhux se tonqos xi figolla jew bajda tal-Għid. Niftakar meta kont żgħir kont innaqqas ftit mhux ħażin mill-ħelu fil-Ġimgħa Mqaddsa, però hekk kif jisbaħ il-Ħadd, pront pront kont inqum naqsam l-ikbar figolla. Bħali naf ħafna li matul din il-ġimgħa jagħmlu xi sagrfiċċju żgħir: min jieqaf jisma' l-mużika favorita tiegħu, min inaqqas mill-ħin tal-logħob u min jipprova jqatta' inqas ħin fuq il-kompjuter jew tablet. Huma drawwiet ħelwin li jgħinuna nitħarrġu fis-sagrifiċċju, għax diffiċli tagħmel sagrifiċċju kbir mill-ewwel!

U issa li ġiet il-festa tant mistennija, issa nistgħu naħsdu ftit mill-frott tas-sagrifiċċju li għamilna. Mhux għax issa nistgħu nieklu figolla tajba, jew għax issa se npatti għal kemm ilni ma nilgħab. Le. Tajjeb li nieklu xi ħaġa tajba u li nilagħbu, imma rridu wkoll naraw din il-festa kif se ngħixuha ta' Nsara veri. Dak is-sagrifiċċju li għamilna jservina biex l-Għid ma jkunx festa tal-figolli imma festa tiegħi!

Għax il-festa tal-lum mhix anniversarju ta' xi ħaġa li ġrat ħafna snin ilu imma wegħda li Alla qed jagħmel lil kull wieħed u waħda minna; kollha kemm aħna! L-Evanġelju li għadna kif qrajna jurina li għalkemm Ġesù bata ħafna, imma l-istorja ma tiqafx bit-tbatija; anqas ma tieqaf bil-mewt! L-istorja tkompli. Il-messaġġ tal-Evanġelju għalina mhuwiex li mhux se nbatu; imma li fit-tbatija mhux se nkunu waħedna u, jekk nafdaw f'Alla, it-tbatija tgħaddi u wara tibda ħajja ġdida. Fil-qalba tal-messaġġ tal-lum insibu l-wegħda li anqas il-mewt mhi se tirbħilna. Wara l-mewt, bit-tbatija li tista' ġġib magħha, tibda ħajja oħra, ħafna isbaħ minn din li qegħdin ngħixu... ħajja li ma tispiċċa qatt.

Allura ejjew nirringrazzjaw lil Alla ta' dan kollu u nibdew inħejju ruħna mil-lum għal din il-ħajja ġdida. Ejjew ma nitilfux opportunità li nħallu lil Ġesù jidħol aktar fil-fond ta' ħajjitna. Hawn ħafna għaqdiet li jistgħu jgħinuna. Meta nkun nista' ma nitlifx ċans li nieħu sehem fil-quddiesa u nitqarben. Meta niżbalja nfittex il-maħfra bis-sagrament tal-qrar u kull darba li nara okkażjoni fejn nista' ngħin ma nitlifhiex. Fuq kollox infittex li nkun ħabib tajjeb għal dawk l-aktar qrib tiegħi. Hekk inkun qed ngħix l-ispirtu veru ta' din il-festa tant kbira. L-Għid it-tajjeb!

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
MARIJA, MAGDALA, XMUN, PIETRU, QABAR, FAXEX, MAKTUR, RA, EMMEN, SKRITTURA

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | N | T | I | U | J | IE | N | A | L |
| N | A | P | T | I | E | M | M | E | N |
| D | P | IE | T | R | O | I | K | S | H |
| E | M | T | D | A | Q | R | A | K | A |
| M | A | R | I | J | A | X | L | R | R |
| L | G | U | X | P | B | M | U | I | L |
| I | D | A | X | I | A | U | D | T | E |
| M | A | K | T | U | R | N | A | T | J |
| O | L | A | GĦ | A | L | IE | X | U | L |
| F | A | X | E | X | F | A | N | R | I |
| D | I | X | X | I | P | X | M | A | T |
| J | M | A | G | D | A | L | O | U | A |
| M | A | R | I | A | E | L | U | M | L |

“Tibżgħu xejn; morru wasslu l-aħbar lil ħuti **biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk.”**





**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Persuna li moħħha dejjem biex tibni ħitan, huma fejn huma, minflok pontijiet, mhix persuna Nisranija."

Tibni inti l-ħitan madwar il-membri tal-familja tiegħek jew madwar sħabek tal-klassi? Jew tibni pontijiet li permezz tagħhom iġġib l-għaqda fejn hemm il-firda, u l-ftehim fejn hemm id-diżgwid?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!

www.sayitmalta.com

32, Tarxien rd Paola

YOUTHEME



mediacentre

design • video production • animation • publishing • web






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION